MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 924/2006

**Emmanuel Bonello**
**(ID 102356M)**

**Vs**

**Joseph Cutajar**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta` Ottubru, 2006 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta` sitt mija u tnejn u sebghin lira (Lm672) rapprezentanti pagamenti ta` Lm12 fil-gimgha dovuta mill-1 ta` Settembru, 2005 sa l-ahhar ta` Settembru, 2006 a tenur ta` skrittura privata datata 8 ta` Awissu, 1981 u mmarkata Dok A.

Bl-ispejjez u bl-imghax dekorribbli mid-data ta` kull skadenza kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut pprezentata fl-1 ta` Novembru, 2006 fejn ikkontesta t-talba hemm kontenuta in vista tal-fatt li kien l-istess attur li naqas li jonora l-obbligi tieghu fuq il-precitata skrittura privata u tali hlas ikun fil-fatt dovut biss fil-kaz li l-eccipjent ikun qed jopera kif lilu promess.

Ra l-provi prodotti kif ukoll id-dokument esebit.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi fit-trattazzjoni tieghu, l-avukat difensur tal-konvenut jispjega l-eccezzjoni minnu sollevata fis-sens illi la darba ma ghadux jezisti d-dritt ta` esklussivita` minhabba tibdil fic-cirkostanzi legali attwali kwindi m`ghandu jsir ebda hlas ghal tali dritt diment li huwa ma hu ser jiggwadanja xejn in kontrakkambju.

L-attur min-naha l-ohra jikkontendi li d-dritt tieghu hawn pretiz jemani minn skrittura privata ffirmata miz-zewg nahat fejn gew pattwiti drittijiet u obbligi reciproci, liema skrittura ghadha fis-sehh u kwindi l-konvenut ma kellu ebda dritt li unilateralment jiddeciedi li ma jonorax stante li mhux applikabbli ghalih.

Illi fid-dawl ta` dawn l-argumenti mressqa miz-zewg nahat u kif ukoll mill-assjem tal-provi prodotti jirrizulta ampjament ippruvat, anzi kwazi ammess, il-fatt li l-konvenut tassew ma hallasx lill-attur l-ammont mitlub f`dina l-kawza u li tali ammont tassew jirrizulta pattwit fl-iskrittura li kienu ffirmaw bejniethom. Il-kontendenti t-tnejn jaqblu wkoll li apparti l-iskrittura in kwistjoni ma ffirmawx ohra anqas sabiex jitterminaw l-effetti ta` dak minnhom f`Dok A.

Illi l-iskrittura privata Dok A titkellem dwar cessjoni ta` drittijiet u li l-korrispettiv relattiv kien tramite l-pagament settimanali ta` Lm12. Illi ghalhekk il-kwistjoni ta` monopolju jew esklussivita` ma tidholx direttament fil-meritu odjern. Naturalment dan ma jfissirx li l-konvenut

mhux intitolat li jressaq l-azzjoni opportuna sabiex jitlob it-thassir tal-effetti tal-precitata skrittura pero` certament ma jistax minn jeddu jaqbad u jiddeciedi wahdu li ma jkomplix ihallas il-korrispettiv mwieghed ghal cessjoni gia` konkretizzata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, kwindi jakkolji t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba ta` sitt mija u tnejn u sebghin lira bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` kull skadenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------